# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

Il-Ħamis 30 t'April 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *video call* fuq *Facebook Messenger* nhar il-Ħamis 30 t'April 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 13.1 Talba

13.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 13.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 13.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 12 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

13.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

13.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

13.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li ġie msarraf *voucher* ieħor tal-iskema 'Xettel fir-Rebbiegħa' billi l-Kunsill ġab 300 *petunia* biex jitħawlu fit-toroq: Triq John Gaspard Le Marchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, Triq tal-Għajn ('l isfel mill-Knisja), *belvedere* fuq l-Għajn ta' Bendu u dak ta' Triq Ta' Mulejja, Triq Ta' Mulejja, kif ukoll fil-*playingfield* u quddiem il-monument tas-sajjieda u dak dwar il-logħob tan-nar. Huwa qal ukoll li hekk kif approvat f'laqgħa preċedenti l-Kunsill xtara 20 lantana li tħawlu fil-*playingfield* ukoll.

Kunsill Lokali Il-Fontana

13.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni biex issir ir-reviżjoni tat-tariffa tal-kontijiet tad-dawl hekk kif approvat fl-aħħar laqgħa.

13.4.3 Is-Sindku għarraf ukoll li d-double yellow lines li kienu ġew approvati fil-laqgħa saru wkoll, dawk ta' Trejqet Grezzja Grima kif ukoll ta' Triq il-Kappillan Guzepp Hili.

13.4.4 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri li wara ħafna taħbit u korrispondenza mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ser jingħata rimborż ta' €378 b'rabta mal-korsijiet li organizza fis-Sala tal-Komunita' taħt l-iskema 'Lifelong Learning' bejn Ottubru 2018 u Ġunju 2019.

13.4.5 Is-Sindku għarraf ukoll li minkejja diversi talbiet permezz ta' *emails* mibgħuta lil WasteServ Malta Ltd, t-€3,000 tal-premju tal-*Organic Waste Project* li ngħata lill-Kunsill fis-sena 2019 għadhom ma' daħlux. Is-Sindku ppropona sabiex jiġu mgħarfa dwar dan is-*CEO* u ċ-*Chairman* ta' WasteServ Malta Ltd, li nħatru dan l-aħħar, permezz ta' ittra. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

13.4.6 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg issuġġerixxa biex issir talba sabiex il-fondi tal-LESA li kienu ser jintużaw biex tinxtara *playhouse* għall-*playingfield* jiġu trasferiti għall-proġett li l-Kunsill wettaq billi nstalla fanali dekorattivi ġodda fit-Triq John Gaspard Le Marchant. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

13.4.7 Is-Sindku ressaq proposta sabiex jerġgħu jitwaħħlu ż-żewġ *bollards* fi Triq Wied Siekel. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u kien hemm suġġeriment mill-Kunsillier Horace Micallef sabiex terġa' ssir il-*bollard* fejn l-Għejjun. Kien hemm qbil dwar dan.

13.4.8 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex hekk kif jitlesta r-restawr tal-Knisja li jidher li qiegħed fil-fażi finali, il-Kunsill jaħsel il-*playingfield* kif ukoll il-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja permezz ta' bowser. Kien hemm qbil dwar dan.

13.4.9 Is-Sindku qal ukoll sabiex il-Kunsill jinforma lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex isir qtugħ ta' ħaxix fit-toroq arterjali Triq tal-Għajn u Triq L-Isptar San Ġiljan. Kien hemm qbil dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 13.5 Xogħol ta' servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn fejn ser isir ix-xogħol tat-tarmak;

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara l-eżitu tal-aħħar laqgħa li saret b'urġenza dwar is-suġġett fejn id-Direttur tal-Gvern Lokali m'approvax it-talba tal-Kunsill sabiex ix-xogħol addizzjonali tal-*home connections* tad-drenaġġ isir mill-istess kuntrattur taħt l-istess kuntratt tax-xogħol tat-tarmak, huwa għarfu bid-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tkun il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma li tikkummisjoni dan ix-xogħol u l-Kunsill jgħaddilha l-pagament li ngħata lill-Kunsill mill-Ministeru Għal Għawdex. Id-Direttur wieġeb li ġaladarba l-Kunsill ser iħallas hu biex isiru dawn ix-xogħlijiet, għandha tinħareġ sejħa għall-offerti biex isir dan ix-xogħol.

13.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill irċieva dokument (LA) mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex il-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur tal-proġett biex jimplimenta l-bdil tal-mejn tad-drenaġġ fi Triq il-Għajn fejn ser isir ix-xogħol tat-tarmak. Dan hu stmat mill-Korporazzjoni li ser jiswa aktar minn €99,000 u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tgħaddi dawn il-flus lill-Kunsill biex jitħallas il-kuntrattur la darba x-xogħol jitlesta, jiġi ċċertifikat u mkejjel mill-Korporazzjoni stess. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li skont id-direttiva tad-Direttur hekk kif imsemmija aktar qabel, il-Kunsill għandu jordna dan ix-xogħol permezz ta' sejħa għall-offerti wkoll.

13.5.3 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti li tkun tinkludi kemm ix-xogħlijiet biex jinbidel il-mejn tad-drenaġġ kif ukoll il-*home connections* tad-drenaġġ. Fid-diskussjoni ħareġ il-fatt ukoll sabiex qabel tinħareġ is-sejħa jiġi ffirmat dak id-dokument (LA) tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex il-Kunsill ikollu bil-miktub li ser jingħata dawk il-fondi. Intqal ukoll sabiex fis-sejħa jkun hemm imniżżel ċar li l-ħlas għax-xogħol li jkun sar fuq il-mejn tad-drenaġġ ser jinħareġ mill-Kunsill hekk kif il-Kunsill jirċievi l-fondi mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 13.6 Ir-rapport dwar il-belvedere ta' Triq Ta' Mulejja;

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Avukat wieġeb il-korrispondenza tal-Ispettur Gauci biex jiġbed l-attenzjoni dwar il-proċedura li ttieħdet biex ir-rapport li sar jiġi vverifikat. Huwa sostna l-punt li l-Kunsill Lokali kellu jiġi kkonsultat immedjatament mill-Pulizija x'ħin irċieva r-rapport sabiex il-Perit tal-Gvern ikun sema' l-veduti u jara x'passi kien diġa' ħa jew qed jieħu l-Kunsill. L-Avukat Noel Camilleri talab ukoll ir-rapport li thejja mis-Surġent tal-Għassa fejn irriżulta li mill-istħarriġ tas-Surġent ġie stabbilit li l-imsemmi post huwa *'out of registration'*.

13.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kienet saret applikazzjoni mal-Awtorita' Tal-Artijiet biex l-awtorita' tipprovdi informazzjoni lill-Kunsill dwar drittijiet proprjetariji tal-*belvedere* li jinsab f'tarf Triq Ta' Mulejja, tat-taraġ li jgħaqqad Triq Ta' Mulejja ma' Trejqet Wara L-Idjar, tal-propjeta' ta' taħt dan it-taraġ kif ukoll tal-propjeta' ta' maġenb it-taraġ (il-ġardina). Il-Kunsill irċieva risposta għal din l-applikazzjoni bin-numru GOV1/2020/0457 mill-istess awtorita' tikkonferma li din mhix propjeta' tal-gvern.

13.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-propjeta' ta' min ressaq l-ilment mingħand in-Nutar tal-Gvern wara li kienet saret applikazzjoni bin-numru NTG001-239-20. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-membri li l-Kunsill kien talab għall-pjanti wkoll iżda l-uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern għarrafna li dawn ma kienux fl-arkivju ta' dan l-uffiċċju. F'dan il-kuntratt hemm miktub li t-taraġ huwa pubbliku filwaqt li taħt it-taraġ u l-propjeta' ta' maġenb it-taraġ (il-ġardina) qed jinxtraw permezz ta' dan il-kuntratt imsemmi.

13.6.4 Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Kunsill ingħata dawn il-parir legali mingħand l-Avukat Noel Camilleri:
"Ġaladarba l-Kunsill m'għadux responsabbli mit-toroq u infrastruttura marbuta magħhom inkluż belvedere, għandu jassumi r-responsabilta' dik l-entita' li jista' jkun il-Ministeru għal Għawdex jew Infrastructure Malta jew il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali;
Ir-reġistrazzjoni m'hijiex daqstant fundamentali għaliex hija proċess biex persuna ġuridika tista tkun individwu jew entita' jkollha rikonoxximent ta' dik il-propjeta';

Kunsill Lokali Il-Fontana

Ir-rwol tal-Awtorita' hija waħda biss bħala proprjetarja tal-art sakemm ma tiġix devoluta lill-entita' lokali bħal Kunsill jew lill-Ministeru responsabbli. F'dan il-każ it-toroq pubbliċi kienu responsabilta' tal-Kunsill u issa tneħħew minn taħthom u ġew għand wieħed miż-żewġ ministeri li semmejt. Qed ngħid hekk għaliex filwaqt li qabel kienu jaqgħu kollha taħt il-Ministeru għal Għawdex, riċentament Infrastructure Malta assumiet parti minn din ir-responsabilta' tat-toroq f'Għawdex."

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Avukat Noel Camilleri huwa tal-parir ukoll li l-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali biex tingħibed l-attenzjoni ta' dawn il-ħsarat u jsir r-riparazzjonijiet meħtieġa filwaqt li l-Perit tal-Kunsill iħejji rapport tekniku. Huwa qal ukoll li għandu jinbeda l-proċess sabiex it-taraġ u Triq Ta' Mulejja inkluż il-*belvedere* jiġi rreġistrat bħala art pubblika.

13.6.5 Il-Kunsillier Horace Micallef talab lill-Kunsill sabiex jerġa' jivverifika mal-Avukat Noel Camilleri dwar ir-responsabilta' tat-toroq ġewwa Għawdex għax fil-fehma tiegħu r-responsabilta' tat-toroq ġewwa Għawdex mhix bħal dik ta' Malta. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

13.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li ġie nfurmat mill-Perit Saliba li mhux disponibbli li jħejji r-rapport tekniku mitlub fuq dan il-każ. Is-Sindku u l-Kunsill qabblu li jqabbdu lill-Perit Ivana Farrugia li kienet il-perit tal-proġett biex tħejji rapport tekniku fuq din is-sitwazzjoni.

13.6.7 Wara diskussjoni dwar dan mill-membri kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jitlob lid-Direttorat tal-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex sabiex jipproċedi biex jirreġistra bħala art pubblika mal-Awtorita' tal-Artijiet l-inħawi ta' Triq Ta' Mulejja inkluż il-*belvedere* u t-taraġ li jagħti għal Trejqet Wara L-Idjar. Dan minħabba li kien il-Ministeru Għal Għawdex li wettaq ix-xogħlijiet tal-bini ta' Triq Ta' Mulejja kif ukoll tal-imsemmi taraġ.

## 13.7 Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerit;

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2020 għas-sejħa għall-kwotazzjonijiet *'Supply and install new playhouse at Fontana Playing field'*. Kien hemm offerta waħda :



Kunsill Lokali Il-Fontana

Gokker Ltd €8,236.48.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax minħabba l-fatt li taqbeż il-budget allokat.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li din l-offerta terġa' tiġi ppublikata.

13.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li fil-laqgħa numru 11 infetħu l-kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' tisbieħ bil-porfido fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq Ta' Mulejja, iltaqa' l-bord u wara xi kjarifiki li ntalbu mill-bord lill-kuntratturi, il-bord hejja r-rapport tal-evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni fejn il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil 'Little Rock Quarry Ltd' għall-prezz ta' €115,530.89. Dan minħabba li l-irħas offerta ma kinitx konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issa ssir t-talba għall-approvazzjoni tal-Ministru biex tingħata din l-offerta.

## 13.8 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

13.8.1 Il-Kunsill irċieva kopja tal-appell tal-każ tal-kompjuter kontra Jimmy Saliba mingħand l-Avukat Jean Paul Grech fejn ġie kkonfermat li l-multa tiegħu telgħet minn €5 għal €250 filwaqt li fl-akkużi l-oħra reġa' ġie liberat. Il-Kunsill irċieva wkoll ittra mill-Avukat ta' Jimmy Saliba sabiex il-pagament iseħħ minnufih. Kien hemm qbil mill-membri li dan il-pagament isir immedjatament. Dan il-pagament ma kienx sar qabel peress li kien hemm l-appell tal-Avukat Ġenerali pendenti.

13.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorita' tal-Ippjanar li rċieva l-applikazzjoni kompluta għat-tiġdid tal-permess għat-twaqqiegħ u t-tkomplija tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku 190/191 Triq Tal-Għajn k/m Triq Ta' Mulejja, il-Fontana. Il-Kunsill irċieva notifika wkoll li twaħlet l-applikazzjoni mas-sit imsemmi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mil-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-proġett ta' tisbieħ fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali u parti minn Triq Ta' Mulejja biex jingħataw aġġornament dwar il-proġett. Il-Kunsill kien wieġeb li qed jinġabru kwotazzjonijiet biex tinġab l-approvazzjoni mill-

Kunsill Lokali Il-Fontana

Ministru minħabba li fis-sejħa tal-offerti ma nstabx offerent. Fl-istess korrispondenza l-Kunsill fakkar dwar it-talba li kien għamel fil-15 ta' Jannar 2020 għall-estensjoni taż-żmien tal-proġett iżda qatt ma ngħata tweġiba. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jintbagħat *reminder* peress li issa l-offerta ġiet approvata mill-Kunsill u ser tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali.

13.8.4 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand Transport Malta għat-talba li kienet saret sabiex isiru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxx fi Trejqet Grezzja Grima. Il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba li Trejqet Grezzja Grima hija triq li ma tinfidx, Transport Malta approvaw *double yellow lines* fuq naħa waħda tal-garaxx. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dawn ġew miżbugħa. Il-Kunsill innota dan.

13.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza oħra mingħand Transport Malta dwar it-talba li kienet saret lilhom biex issir *reserved parking bay* fi Triq il-Kappillan G Hili. Wara li l-Kunsill kien bagħat ir-rapport mitlub lil Transport Malta, il-permess biex issir *reserved parking bay* xorta waħda ġie approvat, madanakollu x'ħin il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li l-applikant għandu garaxx, dan il-permess ġie revokat. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din saret xorta waħda u tneħħiet l-għada mingħajr ma' l-Kunsill qatt ma' ġie nfurmat la li ser issir u lanqas li ser titneħħa. Il-Kunsill innota dan.

13.8.6 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) għat-talba li l-Kunsill kien għamel lill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali fejn il-Kunsill talab għal aktar fondi fl-allokazzjoni tiegħu. Id-Direttur wieġeb li dan mhux possibbli iżda l-Kunsill jista' japplika għal skemi ta' finanzjament li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Sindku għarraf lill-membri li f'Novembru 2019 ġew imħabbra li se jinħarġu skemi ta' finanzjament għall-Kunsilli Lokali għas-sena 2020 iżda dawn l-iskemi sal-lum 30 t'April 2020 għadhom ma ġewx imnedija.

13.8.7 Il-Kunsill irċieva mingħand id-*Data Protection Officer*, *policy* dwar il-privatezza tal-ilmenti mressqa mir-residenti kif ukoll format ta' formola ġdida li trid timtela u tiġi ffirmata mir-resident li jressaq l-ilment sabiex tkun konformi mar-regolamenti l-ġodda tal-GDPR biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jsemmi d-dettalji ta' min ressaq ilment waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Residenti li jressqu lmenti li ma jkunux iffirmati ma jistgħux

Kunsill Lokali Il-Fontana

jissemmew waqt il-laqgħa. Il-Kunsill innota dan u approva l-proċedura suġġerita mid-DPO sabiex il-Kunsill jimxi mar-regolamenti.

13.8.8 Il-Kunsill irċieva konferma mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li rċevew il-minuti approvati fejn il-Kunsill reġa' kkonferma t-talba sabiex l-Għajn il-Kbira, L-Għajn ta' Bendu, ir-Replika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini li jiinsabu fi Pjazza l-Għejjun jiġu devoluti lill-Kunsill. Il-Kunsill innota dan.

13.8.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex li ġiet varata *website* fid-dawl tal-pandemija COVID-19 sabiex tinforma lir-residenti tal-lokalitajiet f'Għawdex b'informazzjoni dwar il-ħwienet tal-lokalita', dwar servizzi reliġjużi *online*, dwar servizzi li qed joffri l-Kunsill kif ukoll numri essenzjali u ta' emerġenza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-informazzjoni hekk kif mitluba dwar il-lokalita' tal-Fontana ġiet aġġornata minnu f'din il-*website* https://mgozservices.gov.mt/ShopsServices/frontEnd. Il-Kunsill innota dan.

13.8.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex b'informazzjoni dwar servizzi anċillari offruti mill-FSWS Gozo Branch Operations matul il-pandemija tal-COVID-19 li jinkludu tqassim tal-ikel, akkomodazzjoni u servizz ta' psychoterapista lill-persuni vulnerabbli li jirrikorru għall-għajnuna fil-Kunsilli Lokali Għawdxin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.11 Il-Kunsill irċieva suġġeriment mingħand il-LESA, dwar il-problemi tat-traffiku fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Għajn, bejn Triq il-Qalb Ta' Ġesu' u Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Is-Sindku ppropona sabiex din il-korrispondenza tiġi diskussa f'laqgħa oħra. Kien hemm qbil mill-membri.

13.8.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li t-tieni allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2020 ġiet ipproċessata u l-flus ser jiġu depożitati fil-kont bankarju tal-Kunsill. Id-Dipartiment qed javża lill-Kunsill li t-tielet allokazzjoni ser tiġi depożitata fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju 2020 filwaqt li r-raba' allokazzjoni ser tiġi ddepożitata fl-ewwel ġimgħa t'Ottubru 2020. Il-Kunsill innota dan.

13.8.13 Direttiva DLG 2/2020 – Corona Virus (COVID-19), biex tigwida lill-Kunsilli Lokali kif għandhom jitmexxew il-laqgħat statutorji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

13.8.14 Ċirkulari DLG 03/2020 – Microsoft Teams ®. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.15 Ċirkulari DLG 04/2020 – Allokazzjoni Finanzjarja Ring-Fencing. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.16 Ċirkulari SPI 7/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat Għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li l-ftehim qed jiġi estiż sat-30 t'Ottubru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.17 Ċirkulari SPI 2/2020 – Ċertifikazzjoni għal Cat Feeders b'Rabta mal-COVID-19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.18 Komunikat mill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali – ref 1/2020 – Sitwazzjoni preżenti dwar COVID-19: linji gwida dwar swieq fil-beraħ, servizzi kuntrattwali mill-Kunsilli Lokali, bereġ, day care centres, servizzi mhux stratutroji, tribunali lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.19 Komunikat mill-President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali Tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) – Risposta għall-ittra bid-data tal-24 t'April indirizzata lis-Sindki mis-Sur Mario Fava dwar il-proġett YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.20 Ċirkulari AKL 2020/015 – Guidance on Corona Virus OHSA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.21 Ċirkulari AKL 2020/016 – Minuti tal-Laqgħa tal-Esekuttiv Nru.29. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.22 Ċirkulari AKL 2020/017 – Sessjoni Informattiva – Ambjent. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.23 Ċirkulari AKL 2020/018 – Mater Dei Hospital – Health and Fitness Day 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.24 Ċirkulari AKL 2020/019 – Covid 19 – Tqassim ta' maskli u ingwanti disponibbli mill-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.25 Ċirkulari AKL 2020/020 – Laqgħat u Sessjonijiet ta' Informazzjoni – Prekawzjonijiet f'dan il-perjodu li għadejjin minnu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

13.8.26 Ċirkulari AKL 2020/021 – Seduti tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.27 Ċirkulari AKL 2020/022 – Rakkomandazzjonijiet għall-Kunsilli Lokali f'dan il-perjodu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.28 Ċirkulari AKL 2020/023 – Rakkomandazzjonijiet mill-AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.29 Ċirkulari AKL 2020/023 – Facebook - YouSafe SOS. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.30 Ċirkulari AKL 2020/024 – Important Notice regarding submission of Health Claims-Covid 19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.31 Ċirkulari AKL 2020/024 – LIFE Calls for proposals 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.32 Ċirkulari AKL 2020/025 – Estensjoni ta' deadline biex jiġu sottomessi l-audited accounts. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.33 Ċirkulari AKL 2020/026 – Commission of Gender Based Violence and Domestic Violence Annual Report. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.34 Ċirkulari AKL 2020/027 – Għeluq tal-Playing Fields. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.35 Ċirkulari AKL 2020/028 – Ħlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita' tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.36 Ċirkulari AKL 2020/029 – Proġett għall-Anzjani fuq il-Pjattaforma YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.37 Ċirkulari AKL 2020/030 – Informazzjoni dwar Covid 19 b'lingwi differenti – UNHCR b'kollaborazzjoni mal-YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.38 Ċirkulari AKL 2020/031 – Ħaddiema mall-kuntratturi ta' ġbir ta' skart u ndafa pubblika li ġejjin miċ-Ċentru Miftuh ta' Ħal Far. Il-Kunsill innota l-kontenut.



Kunsill Lokali Il-Fontana

13.8.39 Ċirkulari AKL 2020/032 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Progett EUFC Webinar għada, 7 t'April. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.40 Ċirkulari AKL 2020/033 – ALDATalk#5 On Intercultural Dialogue. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.41 Ċirkulari AKL 2020/034 – Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) – Covid 19 Crisis Management. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.42 Ċirkulari AKL 2020/035 – EPOS Machines. Il-Kunsill mhux interessat sabiex jaddotta sistema ta' EPOS machines minħabba li qatt ma jkollna domanda biex il-ħlas isir b'dak il-mod u minħabba spejjeż addizzjonali l-Kunsill irid iħallas għal dan is-servizz.

13.8.43 Ċirkulari AKL 2020/036 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 31. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.44 Ċirkulari AKL 2020/037 – BOV Depożitu ta' muniti mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.45 Ċirkulari AKL 2020/038 – Lista ta' NGOs/Vos fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.46 Ċirkulari AKL 2020/039 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.47 Ċirkulari AKL 2020/040 – Stqarrija: Radam ta' skart ta' Kostruzzjoni 27/04/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.48 Ċirkulari AKL 2020/041 – Courses 2020/2021 – Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.49 Ċirkulari AKL 2020/042 – COVID-19 Awareness Campaign – Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.8.50 Ċirkulari AKL 2020/043 – Covid 19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Fontana

13.8.51 Ċirkulari AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-Internet Banking – BOV.
Il-Kunsill diġa' għandu servizz ta' internet banking mal-BOV.

13.8.52 Ilment 10/2020
Qed jissuġerixxi sabiex quddiem ir-residenza tiegħu jsiru żewġ spazzji ta' parkeġġi b'żebgħa bajda. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta biex in-naħa tal-ispiżerija titqassam b'parkeġġi miżbugħa bojod.

13.8.53 Ilment 11/2020
Qed tissuġġerixxi li ssir *pedestrian crossing* fi Triq il-Għajn quddiem 'Ta' Ġolina Supermarket'. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan minħabba li jekk issir *pedestrian crossing* f'dak il-post ser jitnaqqsu l-ispazzji ta' parkeġġ li hu tant limitat. Il-membri saħqu wkoll li *pedestrian crossing* hemm waħda fil-bidu ta' Triq il-Kappillan G Hili li tinsab fil-qrib tal-post indikat.

13.8.54 Ilment 12/2020
Qed jilmenta dwar il-ħmieġ tal-ħamiem fuq il-bejt u l-gallarija tar-residenza tiegħu kif ukoll tal-ġirien tiegħu fi Triq il-Kappillan Hili. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Fontana, meta kien permess mil-liġi, kien ġab l-permessi kollha meħtieġa għal darbtejn fis-Sajf tal-2016 fejn kienu eliminati madwar 160 ħamiema, iżda din il-proċedura ma baqgħetx permissibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li saru diversi *reminders* lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar dan minħabba li kienet l-istess assoċjazzjoni li kienet ħadet l-inizjattiva li tiġbor informazzjoni dwar dawn il-problemi mingħand il-Kunsilli.

13.8.55 Ilment 13/2020
Qed titlob sabiex issir manutenzjoni fuq il-bankina tar-residenza tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex fuq is-sistema tagħhom.

13.8.56 Ilment 14/2020
Jitlob sabiex isiru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu fi Triq L-Isptar San Ġiljan. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Ministeru għal Għawdex fuq is-sistema tagħhom.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 13.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

13.9.1 Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar il-possiblita' biex jiżdied fanal ieħor fi Trejqet ir-Razzett mal-aħħar post. Is-Sindku wieġeb li fuq dak il-post hemm ordni ta' żgombrament mill-Awtorita' tal-Artijiet.

## 13.10 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

13.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara proċess tal-għażla huwa ġie magħżul biex iservi bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali Il-Munxar, u għalhekk se jkun qed jitfa' ir-riżenja tiegħu minn Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Il-Fontana fiż-żmien li ġej.

13.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li minħabba l-Kunsill Lokali Il-Fontana għandu biss *part-timer* bħala impjegata tal-Kunsill u biex il-Kunsill jibqa' jiftaħ u jagħti servizz lir-residenti l-ġurnata kollha, kif ukoll minħabba *time off in lieu* li għandu akkumulat tas-Sibtijiet li kien qed jaħdem meta l-Kunsill kien jopera bis-Segretarju Eżekuttiv biss bħala impjegat tal-Kunsill, mhux ser ikun qed jitfa' ir-riżenja tiegħu minn mal-Kunsill Lokali Il-Fontana qabel jibdew il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju tas-Sajf jiġifieri mhux qabel is-16 ta' Ġunju 2020.

13.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinforma lill-Kunsill li l-post ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Il-Fontana huwa vakanti u għalhekk il-Kunsill għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

13.10.4 Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ser ikun qed jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/2020 għall-perjodu bejn il-31 ta' Marzu 2020 u t-30 t'April 2020 li tammonta għal €14,766.90 ġiet approvata u ffirmata.

Kunsill Lokali Il-Fontana

## 13.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020 fit-3.00pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Fontana